ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015**

## IR-RABA' SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u kwart

**L-isem u l-kunjom: ________________________ Il-klassi: __________**

**Din il-karta tal-eżami fiha TNAX-IL taqsima.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titlu ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 5 | 5 | 10 | 4 | 8 | 10 | 10 | 8 | 10 | 10 | 10 | 10 | 100 |
| | | | | | | | | | | | | | |

**Taqsima A** **(5 marki)**

# Ġesù fuq il-muntanja

**Aqta' sinjal taħt il-kelma t-tajba, bħalma għandek fl-eżempju.**

Eżempju: Ġesù tela' mal-Appostli fuq il-Muntanja (Sinaj, <u>Tabor</u>).

1. Darba, Ġesù tela' fuq il-muntanja flimkien ma' Ġakbu, Ġwanni u (Pietru, Filippu).
2. Fuq din il-muntanja, Ġesù (raqad, tbiddel) quddiem l-Appostli.
3. Wiċċ Ġesù sar jiddi bħax-xemx u ħwejġu saru (bojod silġ, ħomor nar).
4. San Pietru qatt ma ħassu daqshekk (imdejjaq, ferħan).
5. Din l-istorja tfakkarna fil-ferħ li nħossu aħna meta mmutu u mmorru (l-infern, l-ġenna).

**Taqsima B** **(5 marki)**

# Il-Familja ta' Alla

**Aqta' sinjal taħt il-kelma t-tajba.**

1. Waqt il-lezzjoni (tar-Reliġjon, tal-Matematika) nitgħallmu kif inħobbu lil Alla u lil xulxin.
2. Ġesù kien imur jistad (mal-Appostli, mar-Rumani).
3. Ġesù ma jiħux pjaċir jarana (nitolbu, nigdbu).
4. Ġesù kien imur jitgħallem (fis-sinagoga, fil-kampanja) ta' Nażaret.
5. Ġesù jridna nkunu (miġġielda, paċi) mal-oħrajn.

**Taqsima C** **(10 marki)**

**Daħħal fil-vojt il-kliem li ġej. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~mastrudaxxa~~ | il-ħalliel it-tajjeb | Marija | tas-saċerdot |
| Pietru | l-Appostli | l-Ispirtu s-Santu | Pilatu |
| fil-ġenna | is-suldati | Ġesù | |

1. San Ġużepp kien **mastrudaxxa**.
2. ___________________________ xerrdu l-Evanġelju fil-pajjiżi kollha.
3. ___________________________ hija Omm Ġesù u Omm Alla.
4. ___________________________ kien l-Appostlu li Ġesù għażel biex ikun l-ewwel Papa.
5. ___________________________ arrestaw lil Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ.
6. Meta l-Lhud ħadu lil Ġesù quddiem ___________________________, dan ħasel idejh.
7. Imsallab ħdejn Ġesù kien hemm ___________________________ .
8. Permezz ___________________________, Ġesù jaħfrilna dnubietna.
9. ___________________________ niżel fuq l-Appostli u ta l-ħajja lill-Knisja.
10. ___________________________ ġie fid-dinja biex jgħaqqadna ma' Alla u bejnietna bħala familja waħda.
11. ___________________________ nkunu ma' Alla Missierna.

**Taqsima D** **(4 marki)**

**Imla l-vojt bil-kliem li ġej.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Alla | tas-smewwiet | l-art | qaddis |

Qaddis, ____________________, qaddis,

Mulej ____________________ tal-eżerċti.

Is-smewwiet u ____________________ mimlija bil-glorja tiegħek.

Osanna fil-għoli ____________________.

**Taqsima E** **(8 marki)**

**Wieġeb fil-qosor.**



1. Fiex tfakkrek din l-istampa?

_____________________________________________

_______________________________________ *(2 marki)*

2. Min hu għalina r-Ragħaj it-tajjeb?

_____________________________________________________ *(2 marki)*

3. X'jagħmel ir-ragħaj għan-ngħaġ tiegħu?

_____________________________________________________ *(2 marki)*

4. Għaliex in-ngħaġ għandhom jimxu wara r-ragħaj?

_____________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima F** **(10 marki)**

**Kompli dawn is-sentenzi dwar il-jum tal-Ħadd.**



1. Għalina l-Insara, il-Ħadd huwa jum __________________________________.
2. Nhar ta' Ħadd aħna l-Insara nieħdu sehem flimkien ___________________.
3. Fit-tielet kmandament ngħidu, "Ħares il-Ħdud u ______________________".
4. Il-Ħadd hu l-jum meta Ġesù _________________________________________.
5. Nhar ta' Ħadd noqogħdu flimkien biex ______________________________.

**Taqsima G** **(10 marki)**

**Aqra din l-istorja dwar meta Ġesù ħasel saqajn l-Appostli.**

**Waqt li kienu qegħdin għall-ikel, Ġesù qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferra' l-ilma fil-lenbija.**

(addattata mill-Evanġelju ta' San Ġwann)



1. Meta ġrat din l-istorja?

_______________________________________________ *(2 marki)*

2. Għalfejn Ġesù ferra' l-ilma fil-lenbija?

_______________________________________________ *(2 marki)*

3. Minn din il-ġrajja, x'ried jurihom Ġesù lill-Appostli?

_______________________________________________ *(2 marki)*

4. (a) X'tagħlima nieħdu minn din il-ġrajja?

_______________________________________________ *(2 marki)*

(b) Agħti eżempju kif inti tista' tagħmel dan.

_______________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima H** **(8 marki)**

**Kompli dan it-talb.**

Mulej Ġesù, nixtieq nirringrazzjak talli ______________________________.

Nixtieq nitolbok taħfirli kull meta ______________________________.

Ġesù, nitolbok għalija u għal sħabi biex ______________________________.

Mulej, għinni ______________________________.

**Taqsima I** **(10 marki)**

**Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Mario u Leli kienu ħbieb kbar. Darba Mario gideb fuq Leli. Leli ddispjaċieh ħafna u ddeċieda li ma jkellmux aktar lil Mario. Għalhekk, minn ħbieb kbar, Mario u Leli spiċċaw miġġildin.

1. X'għamel ħażin Mario?

   ______________________________ *(2 marki)*

2. X'għamel ħażin Leli?

   ______________________________ *(2 marki)*

3. X'għandna nagħmlu meta nweġġgħu lil xi ħadd?

   ______________________________ *(2 marki)*

4. F'liema sagrament Ġesù jaħfrilna dnubietna?

   ______________________________ *(2 marki)*

5. X'għandna nagħmlu aħna meta xi ħadd jagħmlilna l-ħsara?

   ______________________________ *(2 marki)*

**Taqsima J** **(10 marki)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għaliex bħala Nsara għandna ngħidu l-verità?

______________________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

2. Semmi **tnejn** mill-erba' Evanġelisti.

   a. ___________________________________________________ *(marka)*

   b. ___________________________________________________ *(marka)*

3. Għaliex nagħmlu l-festa tal-parroċċa tagħna?

______________________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

4. Għaliex it-talb jgħaqqadna flimkien?

______________________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

5. Għaliex fil-ġenna nkunu dejjem ferħanin?

______________________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima K** **(10 marki)**

**X'għandhom jagħmlu dawn it-tfal biex juru li huma Nsara ta' veru?**

Eżempju: In-nannu ta' Manwel ma jiflaħx.

Manwel għandu __jmur jara lin-nannu____.

1. Pauline sabet pokit mal-art li mhuwiex tagħha.

   Pauline għandha ________________________________________ *(2 marki)*

2. Joseph, il-ħabib ta' Paul, qiegħed l-isptar.

   Paul għandu ________________________________________ *(2 marki)*

3. Mary, il-mamà ta' Luca, għandha ħafna xogħol tad-dar.

   Luca għandu________________________________________ *(2 marki)*

4. Anna ġġieldet minn ma' Marika.

   Marika għandha ________________________________________ *(2 marki)*

5. Neil, il-ħabib ta' Peter, nesa l-kuluri d-dar.

   Peter għandu ________________________________________ *(2 marki)*



**Taqsima L** **(10 marki)**

Ikteb **ħames** (5) sentenzi fuq il-ġrajja ta' **Żakkew**.



**Tmiem il-karta tal-eżami**